MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2157/2004

**Emmanuel Delicata & Sons Limited**

**Vs**

**Chain Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz prezentat mis-socjeta` attrici fil-15 ta' Novembru, 2004 fejn talab li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira u tlettax-il centezmu, rapprezentanti prezz ta' xorb li huwa kkonsenjat mill-istess socjeta` attrici lil dik il-konvenuta;

Bl-ispejjez dawk tal-ittra legali datata 20 ta' Frar, 2004 u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Ra illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm regolarment notifikata bl-avviz baqghet ma tat ebda risposta;
Ra wkoll illi rapprezentant tas-socjeta` konvenuta talab fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2005 biex jinghata kopja tal-invoice mertu ta' dina l-kawza;

Semgha r-rapprezentant tas-socjeta` attrici prodott fis-seduta tal-lum u kif ukoll tal-invoice pprezentata minnu;

Innota wkoll illi nonostante li l-istess invoice kienet giet mghoddija lis-socjeta` konvenuta skond ix-xhieda ta' l-istess Pierre Mousu`, is-socjeta` konvenuta naqset illi taghmel risposta formali ghall-istess invoice mertu ta' dina l-kawza;

Jikkunsidra illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi ma jidher li hemm ebda kontestazzjoni ghar-rigward it-talba mressqa mis-socjeta` attrici kif ikkonfermata wkoll mix-xhieda mghotija minn Pierre Mousu` u mid-dokument minnu esebit ghal dawn il-motivi ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi billi jiddikjara lis-socjeta` konvenuta debittrici fil-konfront tas-socjeta` attrici, fl-ammont rikjest fl-imsemmi avviz u ghalhekk jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hamsin lira u tlettax-il centezmu bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' l-istess avviz u bl-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ukoll mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------